



IL-KUMMISSJONI EWROPEA

Brussell, 27.7.2012
COM(2012) 423 final

Proposta għal

DEĊIŻJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

dwar il-mobilizzazzjoni tal-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni skont il-punt 28 tal-Ftehim Interistituzzjonali tas-17 ta' Mejju 2006 bejn il-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni dwar id-dixxiplina baġitarja u l-ġestjoni finanzjarja soda (l-applikazzjoni EGF/2012/001 IE/Talk Talk mill-Irlanda)

MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

Il-punt 28 tal-Ftehim Interistituzzjonali tas-17 ta' Mejju 2006 bejn il-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni dwar id-dixxiplina baġitarja u l-ġestjoni finanzjarja soda¹ jippermetti l-mobilizzazzjoni tal-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni (FEG) permezz ta' mekkaniżmu ta' flessibbiltà, bil-limitu massimu annwali ta' EUR 500 miljun lil hinn mill-intestaturi rilevanti tal-qafas finanzjarju.

Ir-regoli applikabbli għall-kontribuzzjonijiet mill-FEG huma stipulati fir-Regolament (KE) Nru 1927/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Diċembru 2006 li jistabbilixxi l-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni².

Fid-29 ta' Frar 2012, l-Irlanda ressqet l-applikazzjoni EGF/2012/001 IE/Talk Talk għal kontribuzzjoni finanzjarja mill-FEG, wara sensji f'Talk Talk Broadband Services (Ireland) Limited (minn hawn 'il quddiem "Talk Talk") u fi tliet fornituri tagħha fl-Irlanda.

Wara analiżi fil-fond ta' din l-applikazzjoni, il-Kummissjoni kkonkludiet skont l-Artikolu 10 tar-Regolament (KE) Nru 1927/2006 li l-kundizzjonijiet għal kontribuzzjoni finanzjarja skont dan ir-Regolament huma ssodisfati.

SOMMARJU TAL-APPLIKAZZJONI U L-ANALIŻI

Dejta essenzjali:	
Nru ta' Referenza tal-FEG	FEG/2012/001
Stat Membru	L-Irlanda
Artikolu 2	(a)
Intrapriża primarja	Talk Talk Broadband Services (Ireland) Limited
Fornituri u produttori fl-istadju aħħari tal-produzzjoni	3
Perjodu ta' referenza	7.9.2011 – 7.1.2012
Id-data tal-bidu għas-servizzi personalizzati	7.9.2011
Id-data tal-applikazzjoni	29.2.2012
Sensji matul il-perjodu ta' referenza	586
Sensji qabel u wara l-perjodu ta' referenza	6
Total ta' sensji eliġibbli	592
Ħaddiema ssensjati li mistennija jipparteċipaw fil-miżuri	432
In-nefqa għas-servizzi personalizzati (EUR)	5 092 765
In-nefqa għall-implimentazzjoni tal-FEG ³ (EUR)	300 000
In-nefqa għall-implimentazzjoni tal-FEG (%)	5,6
Il-baġit totali (EUR)	5 392 765
Il-kontribuzzjoni tal-FEG (50 %) (EUR)	2 696 382

1. L-applikazzjoni ġiet ippreżentata lill-Kummissjoni fid-29 ta' Frar 2012 u sostnuta b'informazzjoni addizzjonali sal-15 ta' Mejju 2012.

¹ ĠU C 139, 14.6.2006, p. 1.

² ĠU L 406, 30.12.2006, p. 1.

³ B'konformità mat-tielet paragrafu tal-Artikolu 3 tar-Regolament (KE) Nru 1927/2006.

2. L-applikazzjoni tissodisfa l-kundizzjonijiet għall-użu tal-FEG kif stabbilit fl-Artikolu 2(a) tar-Regolament (KE) Nru 1927/2006, u tressqet fi żmien il-perjodu ta' 10 ġimgħat imsemmi fl-Artikolu 5 ta' dak ir-Regolament.

Ir-rabta bejn is-sensji u l-bidliet strutturali ewlenin fix-xejriet kummerċjali dinjija minħabba l-globalizzazzjoni

3. Sabiex tiġi stabbilita rabta bejn is-sensji u l-bidliet strutturali ewlenin fix-xejriet kummerċjali dinjija minħabba l-globalizzazzjoni, l-Irlanda targumenta li Talk Talk kienet ċentru għas-servizzi tal-klijenti bbażat f'Waterford li oriġinarjament twaqqafet biex jagħti servizzi kemm għall-kumpanija Talk Talk UK kif ukoll għall-kumpanija AOL UK. Il-kumpanija appoġġat is-suq ta' Talk Talk fir-Renju Unit għas-servizzi tal-broadband, tat-telefonija, u iżjed riċenti tat-televiżjoni permezz tas-servizzi inbound, outbound, tal-email u tal-white mail. Wara li nxtrat id-diviżjoni tal-ISP tal-AOL fir-Renju Unit, ġew provduti wkoll is-servizzi tal-broadband bil-marka kummerċjali ta' AOL Broadband.

Talk Talk offriet servizzi ta' telekomunikazzjoni lil klijenti residenzjali Irlandiżi bil-marki kummerċjali Talk Talk u AOL u lil klijenti negozjanti bil-marka kummerċjali Opal. Din provdied ukoll ġestjoni taċ-ċiklu kollu tal-ħajja tal-klijenti ta' Talk Talk fir-Renju Unit.

4. Talk Talk f'Waterford, bħala post qrib il-kosta biex jagħti servizzi komuni lil klijent barrani (AOL u Talk Talk UK), matul l-aħħar deċennju bbenefikat minn xejra internazzjonali magħrufa bħala l-esternalizzazzjoni tal-proċess kummerċjali (BPO). Tipikament il-BPO tinvolvi kumpanija li tikkuntratta operazzjonijiet jew proċessi speċifiċi ma' fornitur ta' parti terza. It-tendenzi li bħalissa qed jinfluwenzaw l-iżvilupp u l-post tas-servizzi komuni jinkludu:

- It-tnaqqis fil-kostijiet: It-tkabbir fis-servizzi BPO jista' jkun attribwit għall-ħtieġa tal-kumpaniji li jnaqqsu l-kostijiet u jtejbju l-proċess kif jingħata s-servizz. It-tranżizzjoni għal mudell tas-servizz BPO tippermetti lill-kumpaniji jżidu jew inaqqsu l-kapaċità malajr u b'iżjed effiċjenza kif jiddeterminaw il-kundizzjonijiet tan-negozju. Postijiet b'anqas kostijiet bħall-Indja, b'forza tax-xogħol li għandha għarfien teknoloġiku u li titkellem bl-Ingliż, jibqgħu jattiraw negozji ġodda fil-BPO.
- L-iżviluppi teknoloġiċi influwenzaw kif żviluppat l-industrija u għandhom rwol akbar fl-operazzjonijiet taċ-ċentru ta' kuntatt, eż. il-protokoll tal-vuċi fuq l-internet (VOIP), il-posta elettronika, it-talbiet iġġenerati bil-web, l-ġhodod awtomati ta' kuntatt, ir-rikonoxximent tal-leħen, eċċ.
- Is-servizzi remoti: Bl-iżviluppi globali fit-teknoloġija, il-klijenti jistgħu jingħataw servizz b'mod remot.
- Il-kumplessità: L-impriżi qed jesternalizzaw firxa usa' ta' funzjonijiet tan-negozju dejjem iżjed kumplessi u l-mudell oriġinali li jiddependi mill-kost, primarjament il-mudell għat-tranżazzjoni tal-volum, evolva b'mod konsiderevoli.

5. Talk Talk kibret malajr ħafna, kemm b'akkwiżizzjoni kif ukoll b'mod organiku. Bejn l-2005 u l-2011, din żiedet il-klijenti tal-broadband minn xejn għal erba' miljuni. Dan it-tkabbir mgħaġġel sar meta l-kumpanija akkwistat fornituri tas-servizz tal-internet fir-Renju Unit bħal One Tel, AOL u Tiscali u offriet servizzi ta' broadband bla ħlas lis-suq tar-Renju Unit. Dan wassal biex Talk Talk ikollha firxa ta' 24 ċentru telefoniku fl-Irlanda, ir-Renju Unit, l-Indja, il-Filippini u l-Afrika t'Isfel. Fil-passat dawn iċ-ċentri kienu qed jittrattaw miljuni ta' sejħiet fil-ġimgħa. Biex tindirizza dawn l-isfidi ġodda, Talk Talk irrazzjonalizzat is-sistemi tagħha tal-IT, tejbet u ssimplifikat il-proċessi tagħha tan-negozju, organizzat mill-ġdid il-marki kummerċjali tagħha, dak li toffri lill-klijenti u l-organizzazzjoni f'kumpanija waħda jiġifieri Talk Talk Group plc, mid-disa' kumpaniji li kienu qabel.
6. Riżultat kbir ta' dawn l-azzjonijiet kien it-tnaqqis b'mod drammatiku fil-volum ta' sejħiet liċ-ċentri ta' Talk Talk, partikolarment fl-aħħar ħames jew sitt xhur qabel għalqet il-faċilità f'Waterford, saħansitra sa 40 % tnaqqis fil-volum.
7. Talk Talk naqqset l-għadd ta' ċentri telefoniċi minn 24 għal 13. Is-sensji ta' Waterford kienu riżultat dirett tad-deċiżjoni tal-kumpanija li tikkonsolida l-attivitajiet kemm fir-Renju Unit kif ukoll ma' tliet esternalizzaturi magħżula. Fl-2011, il-kumpanija adottat alleanzi strateġiċi ma' tliet fornituri ewlenin li mhumiex fl-UE fejn qed tiġi trasferita parti sinifikanti mix-xogħol. Dawn il-fornituri minn pajjiżi terzi huma Wipro fl-Indja, Transcom fil-Filippini, u CCI fl-Afrika t'Isfel. B'riżultat ta' dan, il-kumpanija bħalissa tistma li madwar 80 % tal-volumi ta' Talk Talk qed jiġu trattati barra mill-UE. Peress li Talk Talk imxiet lejn mudell tas-servizzi tas-sejħiet li huwa primarjament esternalizzat u fir-Renju Unit baqgħu jsiru biss ċerti attivitajiet speċjalisti, l-operazzjoni kollha bbażata f'Waterford kellha tieqaf.

Prova tal-għadd tas-sensji u konformità mal-kriterji tal-Artikolu 2(a)

8. L-Irlanda rressqet din l-applikazzjoni skont il-kriterji ta' intervent tal-Artikolu 2(a) tar-Regolament (KE) Nru 1927/2006, li jirrikjedi mill-inqas 500 sensja tul perjodu ta' erba' xhur f'intrapriża fi Stat Membru, inklużi ħaddiema ssensjati mill-fornituri tagħha u mill-produtturi fl-istadju aħħari tal-produzzjoni.
9. L-applikazzjoni ssemmi 586 sensja f'Talk Talk Broadband Services (Ireland) Limited u fi tliet fornituri tagħha matul il-perjodu ta' referenza ta' erba' xhur mis-7 ta' Settembru 2011 sas-7 ta' Jannar 2012 u sitt sensji oħra barra mill-perjodu ta' referenza, iżda relatati mal-istess proċedura ta' sensji kollettivi. Is-sensji kollha minn Talk Talk (573) ġew ikkalkulati b'konformità mat-tielet inċiż tat-tieni paragrafu tal-Artikolu 2 tar-Regolament (KE) Nru 1927/2006. Il-Kummissjoni rċiviet konferma mingħand l-Irlanda li sadanittant dawn is-sensji kollha ġew affettwati. Is-sensji mill-fornituri (19) ġew ikkalkulati skont l-ewwel inċiż tat-tieni paragrafu tal-Artikolu 2 tar-Regolament (KE) Nru 1927/2006.

Spjegazzjoni tan-natura mhux prevista ta' dawk is-sensji

10. L-awtoritajiet Irlandiżi jargumentaw li qabel kien hemm żewġ fażijiet ta' sensji (April 2010 u April 2011) bi stima ta' 50 persuna kull darba. Dawn tqiesu li jirrappreżentaw ir-ristruttar tal-ġestjoni li jippermetti li l-operazzjoni f'Waterford tiġi mmaniġġjata direttament mill-kwartieri ġenerali fir-Renju Unit. Barra minn hekk, filwaqt li hemm tnaqqis stmat ta' 40 % fil-volum ta' sejħiet liċ-ċentru ta' Talk Talk

f'Waterford, ma hemm xejn li jissuġġerixxi li l-għeluq taċ-ċentru, li filfatt ingħalaq kompletament f'Ottubru 2011, bil-konsegwenza li ntilfu l-impjegi kollha, kien qed jitqies mill-kumpanija.

Identifikazzjoni tal-intrapriżi li taw is-sensji u l-ħaddiema li se jingħataw l-għajnuna

11. L-applikazzjoni hija rigward 592 sensja, li 573 minnhom saru f'Talk Talk Broadband Services (Ireland) Limited u d-19 l-oħra fi tliet fornituri tagħha, jigiġifieri AA Security Services (erba' sensji), Campbells Catering li tinnegozja bħala Aramark (seba' sensji) u Noonan Services Group Ltd (tmien sensji).

12. It-tqassim tal-ħaddiema fil-mira huwa kif ġej:

Kategorija	Numru	Persentaġġ
Irġiel	237	54,86
Nisa	195	45,14
Ċittadini tal-UE	426	98,61
Ċittadini mhux tal-UE	6	1,39
Minn 15 sa 24 sena	48	11,11
Minn 25 sa 54 sena	371	85,88
Minn 55 sa 64 sena	12	2,78
Aktar minn 64 sena	1	0,23

13. Stħarriġ dwar il-ħaddiema ssensjati wera li madwar 74 % minnhom kellhom bejn l-20 u l-35 sena, bl-età medjana tkun 26 sena.

Fost il-ħaddiema affettwati jew fil-mira ma hemmx ħaddiema li għandhom problemi ta' saħħa fit-tul jew diżabbiltajiet.

14. Fir-rigward tal-kategoriji tax-xogħol, it-tqassim huwa kif ġej:

Kategorija	Numru	Persentaġġ
Bejgħ	114	26,39
Servizzi għall-klijenti	173	40,05
Appoġġ tekniku għall-klijenti	96	22,22
IT	6	1,39
Assistent fil-catering	5	1,16
Xogħol ta' tindif	6	1,39
Sigurtà	3	0,69
Oħrajn	29	6,71

15. L-okkupazzjonijiet l-"oħrajn" kienu tipikament assoċjati mal-ġestjoni tal-back office ta' Talk Talk – amministrazzjoni ġenerali, finanzi, ġestjoni tal-faċilitajiet.

16. Skont l-Artikolu 7 tar-Regolament (KE) Nru 1927/2006, l-Irlanda kkonfermat li ġiet applikata politika ta' ugwaljanza bejn is-sessi kif ukoll ta' nuqqas ta' diskriminazzjoni, u se tkompli tiġi applikata matul l-istadji differenti tal-implimentazzjoni tal-FEG u b'mod partikolari fl-aċċess għall-FEG.

Deskrizzjoni tat-territorju kkonċernat u tal-awtoritajiet u l-partijiet interessati tiegħu

17. Il-faċilità ta' Talk Talk kienet tinsab fil-periferija tal-belt ta' Waterford fir-reġjun NUTS III fix-Xlokk tal-Irlanda. Fl-2011, il-belt ta' Waterford kellha l-ħames l-akbar popolazzjoni urbana fl-Istat tal-Irlanda b'popolazzjoni ta' 51 203.

18. L-agrikoltura tibqa' impjegatur sinifikanti fir-reġjun, b'9,6 % tal-forza tax-xogħol fir-reġjun, aktar mid-doppju tal-medja fl-Istat u oġhla minn kull reġjun ieħor. Il-

proporzjon involut fl-industrija/fil-manifattura huwa wkoll oġhla mill-medja b'mod nazzjonali. Minkejja li l-impjiegi fis-servizzi żdiedu fir-reġjun tal-madwar (in-NUTS III tax-Xlokk), il-proporzjon ta' dawk li jaħdmu hemmhekk (37,5 %) huwa aktar baxx mill-medja nazzjonali (40,5 %).

19. F'relazżjoni mal-kisba edukattiva tal-forza tax-xoġhol, il-persentaġġ ta' dawk fis-suq tax-xoġhol fir-reġjun tax-Xlokk bi kwalifiki tat-tielet livell (34 %) huwa b'mod sinifikanti aktar baxx meta mqabbel mal-medja nazzjonali (40 %). Il-persentaġġ ta' dawk bl-oġhla kisba edukattiva tkun flivell sekondarju baxx u anqas fix-Xlokk huwa għoli (23 %) meta mqabbel mal-medja nazzjonali (19 %).

Meta mqabbla ma' ta' reġjuni oħrajn, il-bażi industrijali tax-Xlokk ma żviluppax clusters b'saħħithom f'żoni speċifiċi li jistgħu jgħinu biex jattiraw investimenti futuri. Is-settur multinazzjonali huwa proporzjonalment iżgħar milli huwa fir-reġjuni l-oħra. Ir-reġjun u l-belt ta' Waterford b'mod partikolari ntlaqat minn serje ta' sensji kbar fl-aħħar snin inklużi minn aktar minn 650 sensja fil-faċilità ta' Waterford Crystal f'Kilbarry u f'intrapriżi anċillari li kienu s-suġġett ta' applikazzjoni separata tal-FEG (EGF/2009/012 IE/Waterford Crystal). Dan l-ammont kbir ta' sensji kellu impatt negattiv qawwi fuq il-ħaddiema involuti, fil-belt ta' Waterford u l-parti interna tagħha u fuq ir-reġjun usa' tax-Xlokk.

20. Minbarra l-partijiet interessati nazzjonali, jiġifieri d-Dipartimenti u l-Aġenziji governattivi responsabbli, l-aktar partijiet interessati lokali huma l-Kumitat tal-ħaddiema Ssenjati minn Talk Talk, il-Kunsill ta' Waterford City, il-Bord ta' Sħubija taż-Żona ta' Waterford, il-Kamra tal-Kummerċ ta' Waterford u fornituri lokali tas-servizz bħal FÁS/SOLAS, il-Waterford Chamber Skillnet, il-Contact Centre Management Association Skillnet (in-netwerk nazzjonali taċ-ċentri telefoniċi), il-Bord dwar l-Intrapriżi tal-Belt ta' Waterford, il-Bord dwar l-Intrapriżi fil-Kontea ta' Waterford u l-Istitut tat-Teknoloġija ta' Waterford.
21. Id-Dipartiment tal-Edukazzjoni u l-Ħiliet (l-awtorità ta' ġestjoni u l-parti interessata nazzjonali ewlenija) inġhaqad mar-rappreżentanti tal-ħaddiema ssensjati kemm fuq livell politiku (ministerjali) kif ukoll fuq livell uffiċjali. Intalbu l-fehmiet tar-rappreżentanti biex titħejja l-applikazzjoni tal-FEG sabiex jiġi żgurati l-aktar miżuri xierqa li jippermettu l-ħaddiema ssensjati jtejbu l-prospetti tagħhom li jsibu impjieg u biex jibqgħu f'kuntatt mal-forza tax-xoġhol. Waslu proposti bil-miktub mingħand partijiet interessati u dawn tqiesu fit-tfassil tal-applikazzjoni tal-FEG.

L-impatt mistenni tas-sensji fir-rigward tal-impjiegi lokali, reġjonali u nazzjonali

22. B'mod persistenti, ir-reġjun tax-Xlokk kellu livelli oġhla ta' qgħad mill-medja meta mqabbel mal-bqija tal-pajjiż. Barra minn hekk, dan mar sproporzjonatament ħażin minħabba l-kriżi finanzjarja u ekonomika. Mill-2007 lil hawn, ir-rata ta' qgħad fir-reġjun żdiedet minn 4,9 % għal 18,2 % fl-2011 meta mqabbla mal-medja nazzjonali ta' 14,3 %. Ir-rata ta' qgħad ta' 18,2 % kienet l-oġhla fost ir-reġjuni kollha fl-2011.
23. Matul il-perjodu minn Settembru 2011 sa Jannar 2012 meta kienu affettwati s-sensji ta' Talk Talk, in-numri ta' dawk qiegħda fuq ir-reġistru tal-qgħad għall-belt ta' Waterford żdiedu minn 11 529 għal 12 193 (+5,76 %) meta mqabbla maż-żieda nazzjonali minn 437 441 għal 439 589 jiġifieri +0,49 % biss.

24. Wara perjodu ta' tkabbir sostnut, il-livelli ta' qgħad fir-reġjun naqsu b'mod sinifikanti matul l-aħħar tliet snin. Fir-reġjun kien hemm kważi 35 000 persuna anqas jaħdmu fi Q1/2011 milli fl-2008, meta l-qgħad laħaq il-223 000. Ir-rati ta' parteċipazzjoni tal-forza tax-xogħol waqgħu minn 62,7 % fl-2007 għal 58,1 % fl-2011 (aktar baxxi mill-medja tal-Istat).
25. Barra minn hekk, matul il-perjodu mill-Q4/2010 sal-Q3/2011 in-numri ta' dawk qiegħda fit-taqsimha N tan-NACE "Attivitajiet amministrattivi u ta' sostenn tas-servizz" (li tinkludi d-diviżjoni 82 tan-NACE dwar iċ-ċentri telefoniċi li tikkorrispondu għall-operat ta' Talk Talk) żdiedu minn 58 700 għal 65 900 għall-Istat kollu kemm hu, iżda naqsu għar-reġjun tax-Xlokk minn 6 400 għal 4 800, u dawn iċ-ċifri jenfasizzaw il-potenzjal limitat li għandu s-settur biex joħloq opportunitajiet ta' xogħol għall-ħaddiema ssensjati.
26. In-nuqqas fid-dħul minħabba s-sensji ta' Talk Talk huwa mistenni joħloq nuqqas sinifikanti fl-impjeggi indiretti minħabba nuqqas fl-introjtu disponibbli tal-ħaddiema u minħabba tnaqqis fix-xiri ta' Talk Talk ta' prodotti u servizzi Irlandiżi lokalment u reġjonalment.

Pakkett koordinat ta' servizzi personalizzati li jrid jiġi ffinanzjat u t-tqassim tal-kostijiet stmati tiegħu, inkluża l-kumplementarjetà mal-azzjonijiet iffinanzjati mill-Fondi Strutturali

27. L-azzjonijiet ewlenin jistgħu jitqassru kif ġej:
- Għajjnuna u ppjanar għall-karriera: Is-servizzi mogħtija permezz ta' din il-miżura jinkludu l-profilar individwalizzat, l-identifikazzjoni tal-ħtiġijiet, il-valutazzjoni tat-tagħlim, it-tnejjija tas-CV, l-għajjnuna għall-karriera, l-għajjnuna fit-tiftix għal impjeg, u appoġġi u pariri relatati oħra lill-ħaddiema ssensjati. Hemm firxa ta' korpi li huma involuti biex jagħtu s-servizzi tagħhom ħalli jgħinu lill-ħaddiema ssensjati matul din il-fażi u wara.
- Il-proċess beda minnufih malli għalqet il-faċilità ta' Talk Talk f'Settembru 2011 permezz tal-inverventi inizjali ta' FÁS/SOLAS. Inħoloq ukoll ċertifikat apposta fl-iżvilupp tal-karriera u ż-żieda fil-ħiliet sabiex jgħin lill-ħaddiema ssensjati jivvalutaw il-potenzjal tagħhom f'termini ta' għarfien tal-ħiliet b'tagħlim minn qabel, tal-ħiliet fl-iżvilupp personali u tal-ħiliet fl-istudju, u biex jagħti l-opportunità għal għadd ta' rotot edukattivi rilevanti u xierqa.
- Programmi ta' taħriġ: Wara konsultazzjoni, il-ħaddiema ssensjati wrew interess f'firxa wiesgħa ta' oqsma ta' taħriġ inklużi l-kompjuter, in-negozju, l-kontabbiltà, il-bejgħ, il-ħiliet tal-uffiċċju, l-arti grafika, il-kura tas-sbuħija, il-kura tat-tfal, eċċ. It-taħriġ se jingħata kemm direttament mill-fornituri tal-Istat kif ukoll minn ħarrieġa mis-settur privat permezz tal-għotja ta' taħriġ tal-FEG li tippermetti l-applikanti jidentifikaw u jagħżlu programmi approvati ta' taħriġ lil hinn mis-servizzi mogħtija minn FÁS u aġenziji oħra tal-Istat. Il-programmi ta' taħriġ intern, job placements, esperjenzi ta' xogħol, esperjenzi ta' taħriġ u programmi ta' taħriġ orjentati lejn il-komunità se jkunu karatteristika ta' wħud mill-inverventi ta' taħriġ, fejn xieraq.
 - Korsijiet tal-edukazzjoni avvanzata u tal-edukazzjoni għolja: Il-biċċa l-kbira tal-korsijiet huma akkreditati mill-Qafas Nazzjonali tal-Kwalifiki. Il-programmi

jistgħu jiġu offruti fil-ħinijiet u l-postijiet li jaqdu l-aħjar iċ-ċirkostanzi ta' dawk li qed jitħarrġu. Fejn possibbli, se jiġi kkonsidrat l-użu ta' korsijiet u programmi dinamiċi addizzjonali maħluqin apposta.

Fil-bidu se ssir enfasi fuq il-valutazzjoni ta' dawk li jqisu rotot ta' edukazzjoni għolja, il-ġabriet tal-ħiliet tagħhom u l-adattabbiltà tagħhom li jieħdu korsijiet partikolari jew jekk korsijiet preparatorji jew għażliet alternattivi f'oqsma oħra ta' appoġġ jafux ikunu aktar xierqa. Minħabba l-limitazzjonijiet taż-żmien tal-perjodu ta' implimentazzjoni tal-FEG, mhux se jingħata finanzjament mill-FEG għal korsijiet li qabżu l-perjodu ta' implimentazzjoni tal-FEG. Bħala tali, l-appoġġi tat-tielet livell se jkunu limitati għal dawk il-korsijiet li jistgħu jitlestew kompletament, jew fuq bażi strettament modulari, fil-perjodu ta' implimentazzjoni tal-FEG u jistgħu jinkludu speċifikament korsijiet imfassla apposta f'dan il-kuntest. Tajjeb li jiġi nnutat bħala miżura innovattiva li Waterford Institute of Technology qed ifassal kors mgħaġġel ta' Baċellerat fix-Xjenza (ta' Livell 7) speċifikament għall-grupp ta' ħaddiema fil-mira, li se jinkludi moduli eżistenti u oħrajn personalizzati li jindirizzaw in-nuqqasijiet fil-ħiliet identifikati fix-xjenza u fl-oqsma relatati, għat-tlestija fil-perjodu ta' implimentazzjoni tal-FEG.

– Għotja ta' taħriġ tal-FEG: Lill-ħaddiema ssensjati, dan se jippermettilhom jaċċessaw privatament il-korsijiet tat-tielet livell ipprovduti meta dawn mhumiex disponibbli permezz tas-sistema b'fondi pubbliċi jew meta mhumiex adattati għaċ-ċirkostanzi partikolari ta' xi ħaddiem issensjati. Fil-programmi preċedenti tal-FEG fl-Irlanda, dan l-approċċ wera li huwa ta' benefiċċju.

– Taħriġ minn Skillnets: Skillnets huwa korp ta' appoġġ immexxi mill-intrapriżi u ffinanzjat mill-Istat, li huwa ddedikat għall-promozzjoni u l-iffaċilitar tat-taħriġ u t-titjib fil-ħiliet. Dan jappoġġa u jiffinanzja networks ta' intrapriżi biex jieħdu sehem fit-taħriġ permezz tal-Programm tan-Networks tat-Taħriġ. Dawn in-networks, issa magħrufa bħala "Skillnets", huma mmexxija u amministrati mill-intrapriżi nfishom, biex ifasslu, jimmaniġġjaw u jfasslu programmi speċifiċi ta' taħriġ fost firxa wiesgħa ta' setturi tal-industrija u tas-servizzi madwar id-dinja kollha.

Skillnets iħarreġ lil dawk li kienu impjegati ma' Talk Talk permezz ta' żewġ networks ta' taħriġ ta' Skillnets – is-CCMA Ireland Skillnet u l-Waterford Chamber Skillnet. Il-korsijiet offruti jinkludu s-Servizz għall-Klijenti, il-ħiliet fis-Servizz tal-Broadband u l-Appoġġ Tekniku Frontline għaċ-ċentri tas-sejħiet. Il-korsijiet offruti lil dawk li qed ifittxu bidla fil-karriera jinkludu l-Kreattività għall-Intraprenditorija, Ibda n-Negozju Tiegħek u l-Ġestjoni tal-Proġetti. Għadd ta' ċentri telefoniċi diġà offrew job placements lil dawk li kienu impjegati ma' Talk Talk bħala parti mill-pakkett tal-programm ta' taħriġ Skillnets, u fil-futur qarib dan huwa mistenni johlq xi offerti tax-xogħol.

– Appoġġi għall-intrapriżi/dawk li jaħdmu għal rashom: L-appoġġ għall-intrapriżi u għal dawk li jaħdmu għal rashom se jasal permezz tal-Bord rilevanti dwar l-Intrapriżi tal-Belt u tal-Kontea fix-Xlokk tar-Reġjun, jew strutturi rilevanti oħra. Firxa wiesgħa ta' appoġġi huma disponibbli għall-ħaddiema ssensjati li qed jikkonsidraw li jibdew in-negozji tagħhom, inklużi moduli introdutturji, sessjonijiet ta' ħidma, mentoring, ippjanar tan-negozju u għotjiet biex itaffu l-kostijiet ta' dawk li jaħdmu għal rashom u l-kostijiet tal-bidu.

- Konċessjonijiet għal taħriġ, edukazzjoni u intrapriżi: Jiddependu mill-fornitur tal-iskemi tal-edukazzjoni, it-taħriġ jew l-intrapriża, hemm disponibbli bosta konċessjonijiet għall-ħaddiema ssensjati bħala kumpens għall-ħlasijiet tal-assistenza soċjali.
 - Kontribuzzjoni tal-FEG għall-ispejjeż tal-kors: Sabiex tiżdied l-aċċessibbiltà tal-appoġġi kofinanzjati mill-FEG, skema limitata ta' Kontribuzzjoni għall-Ispejjeż tal-Kors mill-FEG se titħallas għall-kostijiet tal-ivvjaġġar, sussistenza, it-tagħmir u l-materjal tal-kors, eċċ. Din il-kontribuzzjoni se tgħin biex tiffaċilita l-aċċess tal-individwi għal korsijiet rilevanti u tfittex li żżid il-parteciġazzjoni tal-ħaddiema ssensjati eliġibbli skont il-miżuri u l-opportunitajiet kofinanzjati mill-FEG, fejn xieraq.
28. In-nefqa għall-implimentazzjoni tal-FEG, li hija inkluża fl-applikazzjoni, skont l-Artikolu 3 tar-Regolament (KE) Nru 1927/2006, tkopri l-attivitajiet preparatorji, ta' ġestjoni u ta' kontroll kif ukoll l-informazzjoni u l-pubbliċità. L-ammont daqsxejn ogħla ta' 5,6% tat-total jirrifletti, fost l-oħrajn, l-istabbiliment bikri tal-Unità ta' Koordinazzjoni tal-FEG f'Waterford biex jitwasslu interventi koordinati qawwija għall-ħaddiema ssensjati. Barra minn hekk, id-Dipartiment jipproponi li jiġu involuti awdituri esterni biex iwettqu verifiki ta' validazzjoni xierqa. Il-Bord dwar l-Intrapriżi f'Waterford huwa mistenni jkollu bżonn riżors addizzjonali biex jamministra l-applikazzjonijiet fir-rigward tal-appoġġi għall-intrapriża u għal dawk li jaħdmu għal rashom.
29. Is-servizzi personalizzati ppreżentati mill-awtoritajiet Irlandiżi huma miżuri attivi tas-suq tax-xogħol fi ħdan l-azzjonijiet eliġibbli ddefiniti bl-Artikolu 3 tar-Regolament (KE) Nru 1927/2006. L-awtoritajiet Irlandiżi jistmaw li l-kostijiet totali ta' dawn is-servizzi huma ta' EUR 5 092 765 u li n-nefqa għall-implimentazzjoni tal-FEG hija ta' EUR 300 000 (5,6 % tal-ammont totali). Il-kontribuzzjoni totali mitluba mill-FEG hija ta' EUR 2 696 382 (50 % tal-kostijiet totali).

Azzjonijiet	In-numru stmat ta' ħaddiema fil-mira	Il-kost stmat għal kull ħaddiem fil-mira (EUR)	Il-kostijiet totali (il-FEG u l-kofinanzjament nazzjonali) (EUR)
Servizzi personalizzati (l-ewwel paragrafu tal-Artikolu 3 tar-Regolament (KE) Nru 1927/2006)			
Għajnuna u ppjanar għall-karriera	110	487,27	53 600
Programmi ta' taħriġ	134	2 745,71	367 925
Korsijiet tal-edukazzjoni avvanzata u tal-edukazzjoni għolja	205	7 395,02	1 515 980
Għotja ta' taħriġ tal-FEG	119	2 600,84	309 500
Taħriġ minn Skillnets	260	1 076,92	280 000
Appoġġi għall-intrapriżi/dawk li jaħdmu għal rashom	370	2 600,00	962 000
Konċessjonijiet għal taħriġ, edukazzjoni u intrapriżi	145	3 612,14	523 760
Kontribuzzjoni tal-FEG għall-ispejjeż tal-kors (drabi)	432	2 500,00	1 080 000
Subtotal tas-servizzi personalizzati			5 092 765
In-nefqa għall-implimentazzjoni tal-FEG (it-tielet paragrafu tal-Artikolu 3 tar-Regolament (KE) Nru 1927/2006)			
Attivitajiet preparatorji			10 000
Ġestjoni			250 000
Informazzjoni u pubbliċità			20 000
Attivitajiet ta' kontroll			20 000
Subtotal tan-nefqa għall-implimentazzjoni tal-FEG			300 000
Total tal-kostijiet stmati			5 392 765
<i>Kontribuzzjoni tal-FEG (50 % tal-kostijiet totali)</i>			2 696 382

30. L-Irlanda tikkonferma li l-miżuri deskritti hawn fuq huma kumplimentari għall-azzjonijiet ifffinanzjati mill-Fondi Strutturali u li l-miżuri huma fis-seħħ biex jiżguraw li ma jingħatawx fondi doppji. L-awtoritajiet Irlandiżi stabbilixxew Kumitat ta' Monitoraġġ għall-Koordinazzjoni tal-Fondi tal-UE fil-Qafas Strateġiku Nazzjonali ta' Referenza skont l-Artikolu 27(5)(b) tar-Regolament (KE) Nru 1083/2006 li jiġbor fih l-FSE, l-FFE u l-FAEŻR. Id-Dipartiment tar-Riforma u n-Nefqa Pubblika jippresjedi l-Kumitat li jiddiskuti kull kwistjoni ta' rilevanza inkluża d-demarkazzjoni tal-fondi fi programmi operattivi u kull kwistjoni ta' implimentazzjoni li tista' tqum u kull pjan għal programmi ġodda biex ikun żgurat li l-Fondi ma jirrbux fuq xulxin. Barra minn hekk, bħala parti mill-proċess ta' implimentazzjoni għall-FSE u l-FAEŻR, twaqqaf grupp li huwa presedut u koordinat mid-Dipartiment tar-Riforma u n-Nefqa Pubblika, biex jittratta kull kwistjoni relatata mal-implimentazzjoni tal-Fondi Strutturali għall-perjodu 2007-2013. Mill-2010 'l hawn, il-FEG iddaħħal f'dan il-proċess.

Id-data/i meta nbdev jew meta huwa maħsub li jinbdev is-servizzi personalizzati għall-ħaddiema affettwati

31. L-Irlanda bdiet is-servizzi personalizzati lill-ħaddiema affettwati inkluża fil-pakkett koordinat propost għall-kofinanzjament lill-FEG fis-7 ta' Settembru 2011. Għalhekk din id-data tirrappreżenta l-bidu tal-perjodu ta' eliġibbiltà għal kull għajjnuna li tista' tingħata mill-FEG.

Proċeduri għall-konsultazzjoni mal-imsieħba soċjali

32. Peress li ma kienx hemm trejdjunjin involuta f'Talk Talk, l-Awtorità ta' Ġestjoni tal-FEG kienet f'diskussjonijiet mar-rappreżentanti tal-ħaddiema ssensjati kemm direttament u permezz ta' grupp lokali tal-partijiet interessati u l-fornituri tas-servizz ippresedut mill-Maniġer ta' Waterford City (ara wkoll il-punt 20 hawn fuq).
33. L-awtoritajiet Irlandiżi kkonfermaw li r-reqwiziti stipulati fil-leġislazzjoni nazzjonali u tal-UE dwar is-sensji kollettivi ġew issodisfati.

Informazzjoni dwar azzjonijiet li huma obligatorji skont il-liġi nazzjonali jew skont il-ftehimiet kollettivi

34. Fir-rigward tal-kriterji stabbiliti fl-Artikolu 6 tar-Regolament (KE) Nru 1927/2006, l-awtoritajiet Irlandiżi fl-applikazzjoni tagħhom:
- ikkonfermaw li l-kontribuzzjoni finanzjarja mill-FEG ma tiħux post il-miżuri li huma r-responsabilità tal-kumpaniji skont il-liġi nazzjonali jew il-ftehimiet kollettivi;
 - urew li l-azzjonijiet jipprovdu appoġġ lil ħaddiema individwali u ma għandhomx jintużaw għar-ristrutturar ta' kumpaniji jew setturi;
 - ikkonfermaw li l-azzjonijiet eliġibbli msemmija hawn fuq ma jirċevux għajjnuna minn strumenti finanzjarji oħra tal-UE.

Sistemi ta' ġestjoni u ta' kontroll

35. L-Irlanda nnotifikat lill-Kummissjoni li l-kontribuzzjoni finanzjarja se tkun amministrata mill-persunal magħżul tad-Dipartiment tal-Edukazzjoni u l-Ħiliet, li nħatar bħala l-Awtorità ta' Ġestjoni tal-FEG. L-Awtorità ta' Ġestjoni teżamina u tħallas it-talbiet tal-FEG imressqa mill-Korpi Intermedji f'isem il-korpi tan-nefqa pubblika.
36. Il-Korpi Intermedji huma responsabbli mit-talba ta' finanzjament tal-FEG mill-Awtorità ta' Ġestjoni u f'haqna mill-każijiet għall-iżborż tiegħu. Il-Korpi Intermedji huma responsabbli wkoll mill-verifika li l-għan, l-ambitu u l-iskala tal-finanzjament huma xierqa fit-termini tal-applikazzjoni tal-FEG. Barra minn hekk, dawn jiżguraw li l-monitoraġġ u l-proċeduri xierqa tar-reġistrazzjoni u tal-kontroll intern fir-rigward tan-nefġiet u t-talbiet kollha tal-FEG huma stabbiliti minn korpi benefiċjarji pubbliċi u debitament dokumentati.
37. L-Awtorità ta' Ċertifikazzjoni tal-FEG hija responsabbli miċ-ċertifikazzjoni tad-dikjarazzjoni tan-nefqa relatata mal-miżuri kofinanzjati mill-FEG. Billi twettaq dan, l-Awtorità ta' Ċertifikazzjoni tkun qed tkun konformi mar-rekwiżiti kollha mal-eżattezza, il-legalità, l-eliġibbiltà u r-regolarità tan-nefqa.
38. Il-korpi indipendenti li jwettqu verifiki tat-tieni livell jiżguraw li d-dikjarazzjoni tan-nefqa finali mill-korpi benefiċjarji pubbliċi fir-rigward tat-talbiet interim imħallsa kollha hija preċiża u appoġġata minn rekord ċar ta' verifiki, u jagħmlu dikjarazzjoni formali lill-Awtorità ta' Ġestjoni tal-ammont totali tan-nefqa eliġibbli.
39. Is-Segretarju Ġenerali, bħala l-Uffiċjal tal-Kontabbiltà għad-Dipartiment tal-Edukazzjoni u l-Ħiliet responsabbli mill-FEG, iddelega responsabilità statutorja speċifika għaċ-ċertifikazzjoni tat-talbiet lil uffiċjal adegwat f'kull livell tal-arranġament "kaskata" tal-monitoraġġ u l-verifika tas-servizzi u n-nefqa tal-FEG. Dan jiżgura li dawn il-persuni ma jitwarrbux jew ma jiġux influwenzati minn uffiċjali ogħla fil-katina tal-amministrazzjoni. Għalhekk dan isaħħaħ l-awtorità individwali tagħhom u s-segregazzjoni ta' dmirijiethom u l-kontrolli tagħhom matul l-implimentazzjoni tal-applikazzjoni tal-FEG.

Finanzjament

40. Abbażi tal-applikazzjoni mill-Irlanda, il-kontribuzzjoni proposta mill-FEG għall-pakkett koordinat ta' servizzi personalizzati (inkluża n-nefqa għall-implimentazzjoni tal-FEG) hija ta' EUR 2 696 382, li tirrappreżenta 50 % tal-kost totali. L-allokazzjoni proposta mill-Kummissjoni minn dan il-Fond hija bbażata fuq l-informazzjoni li nġhatat mill-Irlanda.
41. Filwaqt li tqis l-ammont massimu possibbli ta' kontribuzzjoni finanzjarja mill-FEG skont l-Artikolu 10(1) tar-Regolament (KE) Nru 1927/2006, kif ukoll il-kamp ta' applikazzjoni tal-allokazzjoni mill-ġdid ta' approprjazzjonijiet, il-Kummissjoni tipproponi li timmobilizza l-FEG għall-ammont totali msemmi hawn fuq, li għandu jiġi allokat skont l-intestatura 1a tal-qafas finanzjarju.
42. L-ammont propost ta' kontribuzzjoni finanzjarja jippermetti li aktar minn 25 % tal-ammont annwali massimu allokati għall-FEG jibqa' disponibbli biex ikun allokati matul l-aħħar erba' xhur tas-sena, kif stipulat fl-Artikolu 12(6) tar-Regolament (KE) Nru 1927/2006.

43. Bil-preżentazzjoni ta' din il-proposta sabiex timmobilizza l-FEG, il-Kummissjoni qed tniedi l-proċedura ssimplifikata ta' trijalogu, kif mitlub mill-Punt 28 tal-Ftehim Interistituzzjonali tas-17 ta' Mejju 2006, bil-ħsieb li tiżgura l-qbil taż-żewġ ferġat tal-awtorità baġitarja dwar il-ħtieġa li jintuża l-FEG u l-ammont meħtieġ. Il-Kummissjoni tistieden lill-ewwel waħda miż-żewġ ferġat tal-awtorità baġitarja biex taqbel mal-abbozz tal-proposta għall-mobilizzazzjoni biex, fuq livell politiku xieraq, tgħarraf lill-ferġa l-oħra u lill-Kummissjoni bl-intenzjonijiet tagħha. F'każ ta' nuqqas ta' qbil minn xi waħda miż-żewġ ferġat tal-awtorità baġitarja, għandha tissejjaħ laqgħa formali ta' trijalogu.
44. B'mod separat, il-Kummissjoni tippreżenta talba ta' trasferiment sabiex fil-baġit għall-2012 iddaħħal approprjazzjonijiet speċifiċi għall-impenji, kif mitlub fil-Punt 28 tal-Ftehim Interistituzzjonali tas-17 ta' Mejju 2006.

Sors tal-approprjazzjonijiet għall-ħlasijiet

45. Se jintużaw approprjazzjonijiet mil-linja baġitarja tal-FEG biex ikopru l-ammont ta' EUR 2 696 382 meħtieġ għal din l-applikazzjoni.

DEĊIŻJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

dwar il-mobilizzazzjoni tal-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni skont il-punt 28 tal-Ftehim Interistituzzjonali tas-17 ta' Mejju 2006 bejn il-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni dwar id-dixxiplina baġitarja u l-ġestjoni finanzjarja soda (l-applikazzjoni EGF/2012/001 IE/Talk Talk mill-Irlanda)

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidraw it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidraw il-Ftehim Interistituzzjonali tas-17 ta' Mejju 2006 bejn il-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni dwar id-dixxiplina baġitarja u l-ġestjoni finanzjarja soda⁴, u b'mod partikolari l-punt 28 tiegħu,

Wara li kkunsidraw ir-Regolament (KE) Nru 1927/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Diċembru 2006 li jstabbilixxi l-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni⁵, u b'mod partikolari l-Artikolu 12(3) tiegħu,

Wara li kkunsidraw il-proposta tal-Kummissjoni Ewropea⁶,

Billi:

- (1) Il-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni (FEG) twaqqaf biex jipprovdi appoġġ addizzjonali għall-ħaddiema ssensjati minħabba bidliet strutturali kbar fix-xejriet kummerċjali dinjija minħabba l-globalizzazzjoni u biex jgħinhom jintegraw mill-ġdid fis-suq tax-xogħol.
- (2) Il-Ftehim Interistituzzjonali tas-17 ta' Mejju 2006 jippermetti l-mobilizzazzjoni tal-FEG fil-limitu massimu annwali ta' EUR 500 miljun.
- (3) L-Irlanda ressqet applikazzjoni biex timmobilizza l-FEG, fir-rigward tas-sensji fl-intrapriża Talk Talk Broadband Services (Ireland) Limited u tliet fornituri tagħha, fid-29 ta' Frar 2012 u sostnietha b'informazzjoni addizzjonali sal-15 ta' Mejju 2012. Din l-applikazzjoni hija konformi mar-rekwiżiti għad-determinazzjoni tal-kontribuzzjonijiet finanzjarji kif inhu stabbilit fl-Artikolu 10 tar-Regolament (KE) Nru 1927/2006. Għalhekk il-Kummissjoni tipproponi li timmobilizza ammont ta' EUR 2 696 382.
- (4) Għaldaqstant il-FEG għandu jiġi mmobilizzat sabiex jipprovdi kontribuzzjoni finanzjarja għall-applikazzjoni imressqa mill-Irlanda,

⁴ ĠU C 139, 14.6.2006, p. 1.

⁵ ĠU L 406, 30.12.2006, p. 1.

⁶ ĠU C [...], [...], p. [...].

ADOTTAW DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Għall-baġit ġenerali tal-Unjoni Ewropea għas-sena finanzjarja 2012, il-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni (FEG) għandu jiġi mmobilizzat biex jipprovdi s-somma ta' EUR 2 696 382 f'approprjazzjonijiet għall-impenji u għall-ħlasijiet.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tkun ippubblikata f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Magħmul fi Brussell,

*Għall-Parlament Ewropew,
Il-President*

*Għall-Kunsill,
Il-President*